MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 123/2014

**Mejn Limited**

**Vs**

**Vodafone Malta Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-11 ta’ Frar 2014 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta attrici kienet dahlet fi ftehim mas-socjeta intimata nhar it-28 ta' Novembru 2011 (Dok. A);

2. Illi dan il-ftehim kien jirrigwardja ftehim ta' franchise, fejn is-socjeta attrici giet awtorizzata fost l-ohrajn tutillizza l-marki tas-socjeta intimata;

3. Illi sabiex is-socjeta attrici setghet tasal ghal dan il-ftehim hija applikat u ottjeniet fakulta finanzjarja mill-Bank u dan kif jirrizulta mill-anness ittra (Dok. B);

4. Illi permezz ta' semplici ittra datata 16 ta' Jannar 2014, is-socjeta intimata abbuzivament itterminat il-ftehim hawn fuq indikat unilateralment (Dok. C);

5. Illi dan l-agir ma jsib l-ebda bazi fil-ftehim hawn fuq indikat;

6. Illi s-socjeta intimata utilizzat il-klawzola numru 25(6) tal-ftehim meta ma rrizulta minn imkien lis-socjeta attrici qatt mxiet b'mod remotament frawdolenti;

7. Illi in oltre, is-socjeta intimata utilizzat metodi sabiex waqghet biza fuq id-direttur tas-socjeta attrici sabiex dan iffirma l-ittra hawn fuq indikata;

8. Illi r-rapprezentant tas-socjeta attrici ffirma l-ittra, izda sejjer jirrizulta li wara tali ffirmar gew inkulzi l-kliem "I accept";

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant is-socjeta attrici titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Tiddikjara illi s-socjeta intimata ma kellha l-ebda dritt titlob it-terminazzjoni tal-fethim datat 28 ta' Novembru 2011 u dan ghaliex tali terminazzjoni ma ssib l-ebda bazi skond l-istess ftehim;

2. Tiddikjara illi l-firma tad-direttur tas-socjeta attrici fuq l-ittra datata 16 ta' Jannar 2014 kienet ivvizjata fil-kunsens u dan minhabba f'dak kontemplat fl-artikolu 978 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara li minhabba f'dan l-agir, is-socjeta soffriet danni;

4. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici occorendo n-nomina ta' periti appoziti;

5. Tordna lis-socjeta intimata thallas is-somma hekk likwidata u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra is-socjeta konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi, preliminarjament qed jigi eccepit illi din il-kawza ma hijiex ta’ kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti, stante u skond il-Franchise Agreement (art. 32) pattwit bejn il-kontendenti, datat 28 ta' Novembru 2011, l-istess kontendenti ftehmu volontarjament Ii kwalunkwe tilwima bejniethom naxxenti mill-istess ftehim ghandha tigi rizolta permezz ta' procedura ta' arbitragg skond ir-Regoli tac-Centru Malti ta' Arbitragg, u ghaldaqstant ai termini ta' dak provdut fil-artikolu 724(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha twaqqaf il-procedimenti odjerni, bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici;

2. Illi sussidjarament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress Ii:

3. Illi l-ftehim bejn il-partijiet gie tterminat a bazi tal-artikolu 25(6) tal-istess ftehim, peress illi s-socjeta attrici kienet qed tikser il-ftehim u tagixxi b'mod frawdolenti, billi tbiegh jew taghti prodotti u/jew servizzi appartenti lis-socjeta intimata u tonqos milli tghaddi l-flus dovuti Iis-socjeta intimata kif maqbul bejn il-partijiet. Illi a kawza ta' dan is-socjeta intimata soffriet danni ta' natura finanzjarja ta' mill-inqas tnax-il elf sitt mija wiehed u sebghin euro (€12,671), u dan kif jista’ jigi kkonfermat bil-provi;

4. Illi wara li giet a konoxxjenza ta' dan il-fatt, is-socjeta intimata sejjhet laqgha bejn il-kontendenti, u meta gew affrontati b'dawn il-fatti u akkuzi ta' natura ferm serja, id-diretturi tas-socjeta fl-ebda hin ma kkontestaw l-istess terminazzjoni;

5. Illi s-socjeta intimata tichad bl-aktar mod kategoriku illi giet ezercitata xi forma ta' pressjoni sabiex id-Direttur tas-socjeta attrici, jaccetta l-ittra, u huwa accetta Ii jiffirma b'mod volontarju, u dan kif jistghu jikkonfermaw dawk Ii kienu prezenti fil-laqgha;

6. Illi sussidjarjament, il-fatt hu u jibqa’ illi s-socjeta intimata ma kelliex bzonn dik il-firma fuq l-ittra li permezz taghha tterminat l-ftehim u dan peress illi hija kellha kull dritt illi tittermina l-istess unilateralment;

7. Illi din il-kawza giet intavolata minghajr ma kien hemm l-ebda hjiel ta' kommunikazzjoni mas-socjeta intimata sabiex is-sitwazzjoni tipprova tigi rizolta b'mod bonarju, kif il-partijiet kienu accettaw li kellhom jaghmlu f'kaz ta' xi tilwima bejniethom, u dan ukoll kif stipulat fl-artikolu 32 tal-istess Franchise Agreement, u ghalhekk f'kwalunkwe kaz hija m'ghandiex tbati l-ispejjez tal-istess;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez;

Rat li s-socjeta konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha b'verbal quddiem il-Qorti tas-26 ta' Marzu 2014;

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet ;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

It-talba attrici hi msejsa fuq zewg binarji. Fl-ewwel lok li t-terminazzjoni tal-ftehim ta' franchise bejn il-kontendenti tat-28 ta' Novembru 2011 (fol. 6 tal-process) b'mod unilaterali mis-socjeta konvenuta b'ittra datata 16 ta' Jannar 2014 (fol. 86 tal-process) ma fiha ebda bazi skond il-ftehim. Fit-tieni lok l-accettazzjoni tal-ittra ta' terminazzjni kif iffirmata mid-direttur tas-socjeta attrici hi nulla ghax il-kunsens tieghu ghall-accettazzjoni gie vizjat b'biza ai termini tal-artikolu 978 tal-Kap. 16.

Il-Qorti tqis li l-ewwel binarju tat-talbiet attrici hi subordinata ghat-tieni wahda fis-sens illi s-socjeta attrici filwaqt li taccetta implicitament it-terminazzjoni tal-ftehim, fl-istess waqt qed tattakka il-kunsens ghax karpit b'biza da parti tad-diretturi tas-socjeta attrici. Jekk jinstab li

tali allegazzjoni hi infondata, allura ifisser li volontarjament is-socjeta attrici accettat it-terminazzjoni tal-ftehim kif stipulat fl-ittra tas-16 ta' Jannar 2014. Ghalhekk dan igib fix-xejn indagini dwar l-allegazzjoni li t-terminazzjoni ma kien fiha ebda bazi skond il-ftehim ta' franchise. Dan jinghad ghaliex fl-ewwel lok it-terminazzjoni tal-ftehim da parti tas-socjeta konvenuta sar a bazi ta' klawsola specifika tal-ftehim cioe artikolu 25(6) li l-istess socjeta attrici taqbel li kienet wahda mill-kundizzjonijiet stipulati bejn il-partijiet ghat-terminazzjoni tal-ftehim. Fit-tieni lok, il-Qorti tqis illi jghid x'ighid il-ftehim, il-partijiet ghal ftehim dejjem ghandhom id-dritt jitterminaw ftehim b'accettazzjoni reciproka anki jekk ma jkunx hemm stipulazzjoni li l-partijiet jirreferu ghaliha li tifforma l-bazi tat-terminazzjoni. Dan in omagg ghal principju pacta sunt servanda. B'dana kollu r-rota terga' iddur cirku tond ghaliex is-socjeta attrici qed tattakka t-terminazzjoni tal-ftehim li ghalih id-direttur tas-socjeta attrici ta l-kunsens tieghu. Ghalhekk il-Qorti trid bil-fors tistharreg din il-kwistjoni bhala l-bazi tal-azzjoni attrici.

**Biza jew theddid bhala bazi ghal rexissjoni ta' ftehim**

Il-ligi u gurisprudenza huma konkordi. L-artikolu 978 invokat mis-socjeta attrici ighid hekk:

> (1) Il-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggeghilha tibza' li hija nfisha jew gwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira.
>
> (2) F'dawn il-kazijiet, ghandhom jitqiesu l-eta, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna.

> Illi l-kunsens jitqies li jkun mehud taht vjolenza jekk tahkem fuq persuna ragonevoli b'mod li ggeghilha tibza' li hija nnifisha jew hwejjigha jistghu jitqeghdu għal xejn b'xejn f'periklu ta' hsara kbira. Vjolenza bhal din twassal biex iggib ma jiswiex kuntratt ukoll jekk id-deni mhedded ikun mahsub li jolqot il-persuna jew il-hwejjeg tal-mara jew ta' zewg il-persuna mhedda jew ta' dixxendent jew axxendent taggha;

> Illi l-vjolenza bgala raguni li thassar kunsens validu m'hijiex raguni ta' nullita assoluta tal-kuntratt, imma raguni ta' annullabilita u l-kwestjoni tal-ezistenza u tal-effikacja tal-vjolenza allegata mill-parti li trid twaqqa' l-kuntratt huwa ezercizzju mholli fl-apprezzament tal-Qorti;

> Illi biex il-vjolenza thassar il-kunsens, irid jintwera li kienet (a) il-kawza determinanti li tkun gieghlet lill-parti li tidher ghall-kuntratt, (b) il-frott tal-hidma tal-persuna li

ezercitatha biex jinkiseb dak il-kunsens u (c) li l-kunsens hekk mehud ikun ir-rizultat tal-vjolenza hekk ezercitata u mhux ir-rizultat accidentali ta' ghamil mahsub biex jinkiseb rizultat iehor. Ghalhekk, biex il-vjolenza tkun bizzejjed biex ixxejjen il-kunsens, trid tkun determinanti, gravi u, fuq kollox, ingusta b'mod li tqanqal f'persuna ragonevoli bizgha li tesponiha jew lil qarib taghha ghal hsara fil-gid jew fil-persuna taghha; (ara **Mark Randon et vs Salvatore Farrugia**, deciza mill-Prim Istanza u konfermata fl-appell fil-31 ta' Jannar 2014).

Abbinati dawn il-konsiderazzjonijiet legali mal-fatti jirrizulta lil Qorti illi d-direttur tas-socjeta Mejn Limited hu Paul D'Amato ghalkemm il-hanut li minnu kien jigi operat il- franchise ta' Vodafone kien jitmexxa minn ibnu Clint D'Amato. Jirrizulta mill-provi illi Paul D'Amato ma kellu ebda sehem fl-amministrazzjoni ta' kuljum tal-hanut fil-Hamrun li minnu kien jitmexxa l-franchise. Jirrizulta illi Paul D'Amato xtara l-ishma tal-kumpanija Mejn Limited meta din gia kellha l-franchise ma' Vodafone u fiz-zmien meta Clint D'Amato kien gia impjegat mal-istess ditta. Qabel ma inqalghet il-kwistjoni mertu ta' din il-kawza Paul D'Amato kien ilu li xtara l-ishma tal-Mejn Limited aktar minn sena.

Jirrizulta bhala fatt illi skond ix-xiehda prodotta mis-socjeta konvenuta, l-operat ta' Clint D'Amato kien ilu jigi monitorat ghal diversi xhur minhabba allegati diskrepanzi fil-mod kif kien jitmexxa l-franchise u fejn l-allegazzjoni hi illi Paul D'Amato ma kienx qed idahhal fil-kontijiet tal-franchise flus li kien idahhal mill-klijenti li juzaw is-servizzi tal-Vodafone. Ma jidhirx li Clint D'Amato kien gie ammonit jew b'xi mod migjub a konjizzjoni ta' dawn l-investigazzjonijiet.

Dak li sehh, sehh ghal gharrieda f'telefonata lil Clint D'Amato dakinhar tas-16 ta' Jannar 2014 biex jattendi dakinhar stess l-ufficju tas-socjeta Vodafone fi Skyparks, Hal-Luqa u illi ma kellux ghalfejn ihalli l-hanut miftuh. Clint D'Amato irrealizza li kienet inqalghet kwistjoni serja pero ma inghata ebda informazzjoni. Hu mar ghal laqgha flimkien ma' missieru Paul D'Amato ftit sighat wara. Prezenti ghal laqgha minn naha ta' Vodafone Limited kien hemm rapprezentanti tal-istess socjeta fosthom Elkier Agius, franchise senior executive, Michael Coney, head of commercial operations, Dr. Melanie Borg tal-legal department u Vanessa Borg li kienet involuta fl-investigazzjoni fuq il-franchise in kwistjoni.

Ghall-ewwel fil-laqgha kien prezenti biss Paul D'Amato li skond ma qal fil-kontroezami tieghu (fol. 171 tal-process) saret allegazzjoni minn Michael Coney li kien sar xi frodi. Hu talab li

jiddahhal it-tifel, li fil-fatt iddahhal fil-kamra. It-tifel gie muri xi informazzjoni fuq laptop. Hemm divergenza bejn il-partijiet dwar il-mertu ta' din l-informazzjoni. Fil-waqt li x-xiehda prodotti mis-socjeta konvenuta isostnu li l-informazzjoni kienet relatata mad-diskrepanzi fil-mod kif kien qed jigi gestit l-operat tal-franchise bla ma kellhom dak il-hin figura finali dwar it-telf allegatament subit mis-socjeta konvenuta li pero kienet tinvolvi xi eluf ta' euro, Clint D'Amato isostni li gie muri biss informazzjoni fuq franchise operat mill-Mosta li ma kellux x'jaqsam mieghu u li kien qed jigi muri lilu bhala ezempju ta' dak li kienu qed jallegaw ir-rapprezentanti tas-socjeta konvenuta bla ma jidhlu fl-ispecifiku fuq l-operat tieghu.

Ghalkemm din ix-xhieda tista' tkun rilevanti ghal finijiet ta' kawza fuq il-mertu u fil-fatt jidher li hemm arbitragg ghaddej bejn il-partijiet, dak li jinteressa u obbligata tikkunsidra l-Qorti hu jekk l-accettazzjoni tal-ittra moghtija u iffirmata f'din il-laqgha lil Paul D'Amato kinitx karpita minnu b'element ta' biza jew theddid.

Din il-laqgha damet ghaddejja bejn nofs siegha u siegha skond dak li jirrizulta mill-provi. Jirrizulta wkoll mix-xiehda ta' Paul D'Amato u Clint D'Amato li fl-ebda hin ma saret xi ammissjoni specifika dwar l-allegazzjoni ta' frodi li tissemma fl-ittra iffirmata minn Paul D'Amato.

Hi rilevanti x-xiehda ta' Paul D'Amato ghax fl-ahhar mill-ahhar hu biss kien jirraprezenta lil kumpanija attrici u hu l-kunsens tieghu li qed jigi investigat f'din il-kawza bhala bazi ghat-talba attrici.

Paul D'Amato jixhed illi hu ma setghax jahlef li ma kien sar ebda illecitu pero hu kien xtara l-kumpanija biex ibnu jkun jista' jahdem u jaqla' kollox ghalih. Ghalhekk kien interessat li jsalva l-business anki peress li ha self biex xtara l-kumpanija u fl-istess hin jipprotegi isem u r-reputazzjoni ta' ibnu li kellu tarbija. Ghalhekk hu talab lil Michael Coney kienx hemm x'jista jsir biex il-kumpanija tkompli topera l-franchise u anki kien lest u offra li jhallas ghal xi diskrepanzi finanzjarji li setghu gew riskontrati, inkluz li jnehhi lill-istess ibnu mill-impjieg. Pero s-socjeta kovnenuta ma riditx u baqghet tinsisti li kien sar frodi u jekk il-kwistjoni mhix ser tirranga ruhha bil-kwiet, kienet ser tiddahhal il-pulizija. Hu zied li iffirma l-karta ghax

ghamlulu pressjoni u ma riedx jiccappas mal-pulizija. Hu la kellu opportunita jitkellem mat-tifel jew avukat. Hu inghata l-ittra datata 16 ta’ Jannar 2014 u iffirmaha.

Ibnu Clint D’Amato jixhed fil-kontroezami (fol. 168 tal-process) li hu ma zammx lil missieru milli jiffirma l-ittra ghalkemm jaqbel li l-allegazzjoni maghmula kienet cara. Hu zied illi Michael Coney kien qal lil missieru li jekk ma jiffirmax ma jibqalux ghazla hlief li jsejjah il-pulizija u jaghlaq il-hanut. Hu jammetti li fl-ebda hin ma gew mizmuma milli jaqbdu u jitilqu jew li saret xi vjolenza fil-konfront taghhom. Izid ukoll lil ma kien hemm ebda theddid izda l-unika kelma mhux f’postha kienet li jekk ma jiffirmawx il-karta s-socjeta konvenuta kienet ser tmexxi bil-pulizija.

Din il-Qorti tissimpatizza ma’ Paul D’Amato li gie rinfaccat b’sitwazzjoni li ghalkemm jidher prima facie li ma kienx konsapevoli dwarha, kienet taffettwa lil ibnu li kien qed jigi akkuzat bi frodi, u jekk il-kwistjoni ma kinitx ser tigi maghluqa bonarjament bit-terminazzjoni tal-ftehim tal-franchise, il-kwistjoni kienet ser tiskala b’rapport lil pulizija.

Madankollu l-Qorti ma tistax tinjora d-dettami tal-ligi u l-gurisprudenza. F’laqgha li damet xi siegha u fejn bl-ammissjoni ta’ Clint D’Amato li ma kien hemm ebda theddid jew vjolenza, Paul D’Amato kien liberu li jaghzel li ma jiffirma xejn, jitlaq il-barra u jiehu parir legali fuq l-allegazzjonijiet maghmula.

Ma jidhirx li Paul D’Amato gie ingannat li jiffirma xi haga li ma kienx konsapevoli tal-konsegwenzi taghha. In fatti jidher mix-xiehda prodotta li l-ittra giet moqrija jew almenu li Paul D’Amato inghata l-opportunita li jaqraha qabel jiffirmaha. L-ittra hi cara u Paul D’Amato mhux bniedem bla skola anzi hu bniedem midhla tal-kummerc.

Jista’ jkun li Paul D’Amato beza ghar-reputazzjoni ta’ ibnu u kien affrettat li jaccetta terminazzjoni ta’ franchise f’mument ta’ ecitament u nuqqas ta’ hsieb sobrju fejn jiehu l-opportunita li jikkonsulta ma’ terzi aktar oggettivi minnu u jiehu pariri legali kif imiss. Pero dan in-nuqqas ma jistax jigi attribwit ghal agir illegali tas-socjeta konvenuta li hu probabbli ghamlet forma ta’ pressjoni bil-kliem fuq Paul D’Amato dwar dak li kien fi hsiebha taghmel.

Pero dan ma jwassalx ghal xi forma ta’ biza ta’ hsara impellenti tali li Paul D’Amato ma kellux ghazla hlief li jiffirma t-terminazzjoni tal-franchise. Il-liberta ta’ ghazla li jitlaq mill-laqgha qatt ma giet mittiefsa u minflok Paul D’Amato ghazel li jaghlaq il-kwistjoni dak il-hin. Ir-ripensament ta’ wara ma jiggustifikax li jinhall minn ftehim validament u legalment milhuq.

Il-biza li trid il-ligi ma jikkonsistix biss f’li wiehed ma jaghtix cans lilu innifsu li jirregola ruhu izda li l-biza tkun tali li tnehhilu kull liberta ta’ ghazla li f’dan il-kaz ma irrizultax. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Timothy Borg vs Dolphin Supermarkets Limited** (PA 13/06/2003), il-fatt li l-attur gie mwissi li jekk ma jammettix li kien hu li ha l-flus, isir rapport lil pulizija u inqala hafna storbju u kien hemm hafna ghajjat waqt il-laqgha, ma jfissirx li l-iskrittura tista’ tigi imwarrba. Ghalhekk, livell ta’ stress jew stat ta’ ansjeta ma jwassalx biex jitwarrab il-kuntratt li gie iffirmat b’dak l-istat ta’ animu. It-theddida ta’ proceduri legali (per ezempju, ta’ rapporti lil pulizija) ukoll ma jwasslux ghal xi difett fil-kunsens, ghax kreditur ghandu dritt jirrikorri ghall-mezzi kollha li taghtih il-ligi biex jakkwista dak li hu dovut lilu. Ghalhekk, sa fejn l-agir tal-konvenut u nies imqabbda minnu, kien jikkonsisti f’ghajjat jew, kif qalet l-ewwel Qorti, kien jiehu ghamla “ta’ fastidju akkanit fil-konfront tal-attur”, wiehed ikun jista’ jargumenta li l-pressjoni adoperata kienet fil-limitu ta’ dak permissibbli.

Ghalhekk il-Qorti tqis bhal kawza fuq citata li s-socjeta attrici ma ippruvatx li l-kunsens tas-socjeta attrici senjatament id-direttur taghha Paul D’Amato gie karpit b’biza kif trid il-ligi.

Isegwi li ladarba l-ftehim ta’ terminazzjoni gie legalment milhuq l-ewwel talba hi bla bazi peress illi r-raguni tat-terminazzjoni kien legali ghax milhuq a bazi tal-artikolu 25(6) tal-ftheim tal-2011 li jahseb precizament ghal terminazzjoni f’din l-eventwalita u li fuqha qablu z-zewg partijiet bil-firma ta’ Paul D’Amato. Jinghad ghal kompletezza illi l-kliem ’I accept’ fuq il-firma ta’ Paul D’Amato mhux qed jigi innegat li inkitbu jew li l-firma ta’ Paul D’Amato ma kinitx tifisser ezatt dak li wiehed jiddezumi mill-istess firma cioe l-accettazzjoni ta’ dak miktub fl-ittra tal-14 ta’ Jannar 2014 senjatament it-terminazzjoni tal-franchise agreement. Il-Qorti mhix ser tidhol oltre fil-konsegwenzi ta’ din it-terminazzjoni ghax mhux parti mill-mertu li qed jigi trattat fl-arbitragg. It-tielet sal-hames talba attrici huma konsegwenzjali ghall-ewwel tnejn li qed jigi michuda stante li l-ewwel zewg talbiet qed jigu michuda.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------